

L-ewwel tliet motivi jirrigwardaw l-emenda tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "ir-Regolamenti tal-Persunal").

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, "il-Karta") u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem "il-KEDB"), b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal dwar ir-riforma tal-Anness X.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta u tal-Artikolu 11 tal-KEDB minħabba l-assenza ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni reali u adegwati mas-sindakati, mal-uffiċjali u mal-membri tal-persunal fir-rigward tar-riforma tal-Anness X.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' leġislazzjoni tajba u b'mod partikolari tad-dmir ta' reqqa u tad-dmir ta' motivazzjoni.

L-aħħar tliet motivi jirrigwardaw l-emenda tal-Artikolu 45 u tal-Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll iż-żieda tat-Taqsima 5 fl-Anness XIII tal-imsemmija regolamenti.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta u tal-Artikolu 11 tal-KEDB, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tar-riforma tal-karrieri AD.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta u tal-Artikolu 11 tal-KEDB minħabba l-assenza ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni reali u adegwati mas-sindakati, mal-uffiċjali u mal-membri tal-persunal fir-rigward tar-riforma tal-karrieri AD.
6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' leġislazzjoni tajba u b'mod partikolari tad-dmir ta' reqqa u tad-dmir ta' motivazzjoni.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2014 – Nguyen vs Il-Parlament u l-Kunsill

(Kawża T-20/14)

(2014/C 112/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Huynh Duong Vi Nguyen (Woluwe-Saint-Lambert, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla dispożizzjonijiet fosthom l-Artikolu 7 (ħin tal-ivvjaġġar) tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 8 (spejjeż tal-ivvjaġġar) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Nru L 287 tad-29 ta' Ottubru 2013, sa fejn id-dritt għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għall-ħin tal-ivvjaġġar huwa marbut mal-allowance tal-espatrijazzjoni jew tar-residenza barra mill-pajjiż;
- tordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti ammont ta' EUR 169 051,96 għad-dannu materjali subit kif ukoll ammont ta' EUR 40 000 għad-dannu morali;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tad-danni u ta' interessi moratorji u kumpensatorji bir-rata ta' 6,75 għad-dannu morali u materjali subiti;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent – li l-post ta' oriġini tiegħu huwa New York, iżda li ma jibbenefikax mill-allowance tal-espatrijazzjoni jew tar-residenza barra mill-pajjiż u li jitlef minħabba f'hekk, wara r-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt għall-ħlas fil-forma ta' somma f'daqqa tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ż-żieda tal-leave annwali permezz ta' ġranet ta' leave addizzjonali bħala ħin tal-ivvjaġġar – jinvoka ħames motivi bbażati:

- fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u tal-Artikolu 27 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema, peress li l-kumitat tar-Regoli tal-Persunal tħalla barra matul ir-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal;
- fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet kweżiti, tal-prinċipji fil-qasam tad-dritt inter-temporali u tal-prinċipju ta' ċertezza legali;
- fuq ksur tal-aspettattivi leġittimi;
- fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u
- fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2014 – Bergallou vs Il-Parlament u Il-Kunsill**(Kawża T-22/14)**

(2014/C 112/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Amal Bergallou (Lot, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Il-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla dispożizzjonijiet fosthom l-Artikolu 7 (leave għal raġuni ta' distanza) tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 8 (spejjeż tal-ivvjaġġar) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Nru L 287, tad-29 ta' Ottubru 2013, sa fejn id-dritt għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għal-leave għal raġuni ta' distanza huwa marbut mal-allowance tar-residenza barra mill-pajjiż jew tal-espatrijazzjoni;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti ammont ta' EUR 165 596,42 għad-dannu materjali sostnut kif ukoll ammont ta' EUR 40 000 għad-dannu morali;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni u l-interessi moratorji u kumpensatorji bir-rata ta' 6,75 % għad-dannu morali u materjali sostnut;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti – li l-post ta' oriġini tagħha huwa l-Marokk, iżda li ma tibbenefikax mill-allowance tar-residenza barra mill-pajjiż jew tal-espatrijazzjoni u li titlef għal din ir-raġuni, wara r-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, id-dritt għall-ħlas b'rata fissa tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għaż-żieda fil-leave annwali b'jiem ta' leave supplimentari inkwantu leave għal raġuni ta' distanza – tinvoka ħames motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-20/14, Nguyen vs Il-Parlament u Il-Kunsill.
